SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

22 ta' Diċembru 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv – Artikolu 4a(1) li jirriżulta mid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI – Mandat maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà – Kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" – Portata – Persuna li ġiet ikkundannata definittivament għal piena li ċċaħħad il-libertà fi tmiem proċedura li nżammet fil-preżenza tagħha – Piena li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sussegwentement sospiża parzjalment u taħt ċerti kundizzjonijiet – Proċedura sussegwenti li wasslet għar-revoka tas-sospensjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet – Proċedura ta' revoka li nżammet fl-assenza tal-parti kkonċernata"

Fil-Kawża C-571/17 PPU,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura relatata mal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra

Samet Ardic,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, E. Levits, A. Borg Barthet, M. Berger u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Novembru 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Openbaar Ministerie, minn K. van der Schaft u U. E. A. Weitzel, bħala aġenti,

– għal S. Ardic, minn T. O. M. Dieben, L. J. Woltring u J. W. Ebbink advocaten,

– għall-Gvern Olandiż, minn J. Langer u M. K. Bulterman, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u M. Hellmann, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Irlanda, minn G. Hodge, bħala aġent, assistita minn G. Mullan, BL,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-20 ta' Diċembru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34), kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-iStaatsanwaltschaft Stuttgart (il-Prosekutur ta' Stuttgart, il-Ġermanja) kontra Samet Ardic sabiex jiġu eżegwiti żewġ pieni ta' ċaħda tal-libertà.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Taħt it-titolu "Dritt għal smigħ xieraq", l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") jipprovdi:

"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. […]

(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni ta' l-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Karta

4 L-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") jifformaw parti mit-Titolu VI tagħha, intitolat "Ġustizzja".

5 Skont l-Artikolu 47 tal-Karta, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali":

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.

[…]"

6 L-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) jispeċifikaw, fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

7 L-Artikolu 48 tal-Karta, intitolat "Il-preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għad-difiża", jipprovdi:

"1. Kull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skond il-liġi.

2. Għandu jiġi ggarantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kull imputat."

8 L-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-punt 6 ta' din is-sentenza jispeċifikaw f'dan ir-rigward:

"L-Artikolu 48 huwa l-istess bħall-Artikolu 6(2) u (3) tal-KEDB […]

[…]

Skont l-Artikolu 52(3), dan id-dritt għandu l-istess sens u ambitu bħad-dritt garantit mill-KEDB."

9 L-Artikolu 52 tal-Karta, intitolat "L-ambitu u l-interpretazzjoni ta' drittijiet u ta' prinċipji", jipprovdi:

"[…]

Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEDB], it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva.

[…]

7. L-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni ta' din il-Karta għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri."

Id-Deċiżjonijiet Qafas 2002/584 u 2009/299

10 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligazzjoni li jiġi esegwit", jipprevedi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment [konsenja] minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas].

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligazzjoni tar-rispett ta' drittijiet fondamentali u prinċipji legali fondamentali kif miġbur fl-Artikolu 6 tat-Trattat [UE]."

11 L-Artikoli 3, 4 u 4a tal-imsemmija Deċiżjoni Qafas jistipulaw, b'mod eżawrjenti, ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju u fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew.

12 Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299 tispeċifika r-raġunijiet li abbażi tagħhom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru tista' tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sentenza Ewropea meta l-persuna kkonċernata ma tkunx dehret fil-kawża tagħha.

13 Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, intitolat "Objettivi u kamp ta' applikazzjoni":

"1. L-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Qafas huma li jissaħħu d-drittijiet proċedurali ta' persuni suġġetti għal proċedimenti kriminali, li tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u, b'mod partikolari, li ttejjeb ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif proklamati fl-Artikolu 6 tat-Trattat, inkluż id-dritt ta' difiza ta' persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali, u kwalunkwe obbligu li jaqa' fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan ir-rigward m'għandux jiġi milqut.

3. Din id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi regoli komuni għar-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi Stat Membru wieħed (l-Istat Membru tal-eżekuzzjoni) maħruġa minn Stat Membru ieħor (l-Istat Membru li toħroġ il-mandat) wara l-proċedimenti li għalihom il-persuna konċernata ma kenitx preżenti […]"

14 L-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, inkluż permezz tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, huwa intitolat "Deċiżjonijiet mogħtija wara kawża li fiha l-persuna ma dehritx personalment". Il-paragrafu 1 tiegħu huwa fformulat kif ġej:

"L-awtorità ġudizzjarja tal-eżekuzzjoni tista' wkoll tiċħad l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet li tiġi eżegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni jekk il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, sakemm il-mandat ta' arrest Ewropew ma jiddikjarax li l-persuna, skond ħtiġiet proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru emittenti:

(a) fi żmien debitu
   (i) jew kienet ikkonvokata personalment u għaldaqstant infurmata bid-data u l-post skedati li rriżultaw fid-deċiżjoni, jew b'mezzi oħra fil-fatt irċeviet informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati ta' dik il-kawża b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-kawża skedata;

u

(ii) kienet infurmata li tista' tingħata deċiżjoni jekk huwa jew hija ma tidhirx għall-kawża;

jew

(b) konxja mill-kawża skedata kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-kawża, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-kawża;

jew

(ċ) wara li kienet innotifikata bid-deċiżjoni u kienet infurmata espressament bid-dritt għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermettu li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluż evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali:

(i) iddikjarat espressament li huwa jew hija ma tikkontestax id-deċiżjoni;

jew

(ii) ma talbitx kawża mill-ġdid jew appell fil-perijodu ta' żmien applikabbli.

jew

(d) ma kinitx notifikata personalment bid-deċiżjoni iżda:

(i) ser tkun innotifikata personalment biha mingħajr dewmien wara ċ-ċediment [konsenja] u ser tkun infurmata espressament dwar id-dritt tiegħu jew tagħha għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermettu li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluż evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali;

u

(ii) ser tkun infurmata bil-perijodu taż-żmien li fih hija għandha titlob din il-kawża mill-ġdid jew l-appell, kif imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew rilevanti.

15 L-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu dan il-kontenut:

"Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skond il-forma li tinsab fl-Anness:

(a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna rikjesta;

(b) l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u l-fax u l-indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità ġudizzjarja emittenti;

(c) L-indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' sentenza esegwibbli, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 u 2;

(d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-Artikolu 2;

(e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna rikjesta;

(f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala ta' pieni stabbilita għar-reat skond il-liġi tal-Istat Membru emittenti;

(g) jekk possibbli, konsegwenzi oħra tar-reat."

16 L-Artikolu 15 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Deċiżjoni ta' ċediment [konsenja]", jipprevedi:

"1. L-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi għandha tiddeċiedi, fil-limiti tal-ħin u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas], jekk il-persuna għandhiex tiġi ċeduta [kkonsenjata].

2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru li joħroġ il-mandat mhuwiex suffiċjenti biex tħalli li tiddeċiedi fuq iċ-ċediment, għandha titlob li l-informazzjoni meħtieġa supplementarja, partikolarment fir-rigward ta' l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta' urġenza u tista' tistabbilixxi limitu tal-ħin għar-riċeviment tagħha, waqt li tittieħed in konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti tal-ħin stabbiliti fl-Artikolu 17.

3. L-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tista' fi kwalunkwe ħin tibgħat kwalunkwe informazzjoni utli addizjonali lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi."

Id-dritt nazzjonali

Id-dritt Olandiż

17 L-Overleveringswet (il-Liġi dwar il-Konsenja), tad-29 ta' April 2004 (Stb. 2004, Nru 195), tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi.

18 L-Artikolu 12 ta' din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

"Il-konsenja ma hijiex awtorizzata meta l-mandat ta' arrest Ewropew huwa intiż sabiex jeżegwixxi sentenza, meta l-imputat ma jkunx deher personalment fil-proċess li wassal għal dik is-sentenza, ħlief jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jindika li, skont ir-rekwiżiti proċedurali tal-Istat Membru emittenti:

a) l-imputat kien imħarrek fi żmien utli u għalhekk ġie personalment informat bid-data u l-post tal-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni, jew ġie informat uffiċjalment u effettivament b'mezzi oħra bid-data u l-post iffissati għal dawn il-proċeduri, b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li kien jaf bil-proċeduri skedati u ġie informat li setgħet ukoll tingħata deċiżjoni jekk huwa jonqos milli jidher; jew

b) l-imputat kien informat bis-seduta u inkariga avukat tal-għażla tiegħu jew inkarigat mill-Istat sabiex jiggarantixxi d-difiża tiegħu liema avukat iddefendieh waqt is-seduta; jew

c) wara li kien innotifikat bid-deċiżjoni u kien informat espressament bid-dritt għal proċedura ta' kawża mill-ġdid jew proċedura ta' appell, li fiha l-imputat għandu d-dritt li jipparteċipa u li tippermetti li l-kawża tiġi eżaminata mill-ġdid fil-mertu, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni provi ġodda, u tista' twassal biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali:
   1° iddikjarat espressament li hija ma tikkontestax id-deċiżjoni; jew
   2° ma talbitx proċedura ta' kawża mill-ġdid jew proċedura ta' appell fit-terminu applikabbli; jew

d) l-imputat ma ġiex innotifikat personalment bid-deċiżjoni, iżda:
   1° ser ikun innotifikat personalment biha mingħajr dewmien wara l-konsenja u ser ikun informat espressament dwar id-dritt tiegħu jew tagħha għal proċedura ta' kawża mill-ġdid jew għal proċedura ta' appell, li fiha l-parti kkonċernata għandha d-dritt li tipparteċipa u li tippermetti li l-kawża tiġi eżaminata mill-ġdid fil-mertu, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni provi ġodda, u tista' twassal biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali;

2° ser ikun informat bit-terminu li fih huwa għandu jitlob din il-proċedura ta' kawża mill-ġdid jew proċedura ta' appell, kif imsemmi fil-mandat ta' arrest Ewropew rilevanti."

Id-dritt Ġermaniż

19 L-Artikolu 56a tal-iStrafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali, iktar 'il quddiem is-"StGB") jipprovdi:

"1. Il-qorti għandha tiffissa t-tul tal-perijodu ta' probation. Dan ma jistax jeċċedi ħames snin jew ikun inqas minn sentejn.

2. Il-perijodu ta' probation jibda meta d-deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*. Dan jista' sussegwentement jitqassar għat-tul minimu jew l-iskadenza tiegħu tittressaq għat-tul massimu."

20 Skont l-Artikolu 56b tas-StGB:

"1. Il-qorti tista' timponi fuq il-persuna kkundannata kundizzjonijiet li jservu sabiex jiġi rrimedjat id-dannu kkawżat. Il-persuna kkundannata ma tistax tiġi suġġetta għal rekwiżiti insormontabbli.

2. Il-Qorti tista' timponi fuq il-persuna kkundannata li tirrimedja skont il-mezzi tagħha d-dannu kkawżat mill-att tagħha, li tħallas somma flus lil stabbiliment ta' utilità pubblika, meta dan ikun xieraq fid-dawl tan-natura tal-att u l-personalità tal-awtur, li twettaq prestazzjonijiet ta' utilità pubblika jew li tħallas somma flus lit-Teżor.

[…]"

21 L-Artikolu 56c tas-StGB huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-qorti għandha timponi fuq il-persuna kkundannata istruzzjonijiet għat-tul tal-perijodu ta' probation meta din tkun teħtieġ għajnuna biex ma twettaqx iktar ir-reat. Il-persuna kkundannata ma tistax tiġi suġġetta fuq din il-bażi għal rekwiżiti insormontabbli li jaffettwaw l-istil tal-ħajja tagħha.

2. B'mod partikolari, il-qorti tista' tordna lill-persuna kkundannata sabiex tikkonforma ruħha ma' ordnijiet relatati mar-residenza, it-taħriġ, ix-xogħol jew il-ħin liberu jew mal-organizzazzjoni tal-mezzi ekonomiċi tagħha, tidher f'ħinijiet speċifiċi fil-qorti jew fi kwalunkwe post ieħor, ma tikkuntattjax, tattendi, timpjega, tħarreġ jew tospita l-vittma jew ċerti persuni jew persuni ta' ċertu grupp li jistgħu jagħtuha l-okkażjoni jew jinċitawha sabiex twettaq reati ġodda, ma żżomx fil-pussess tagħha, iġġib mill-ġdid jew taħżen ċerti oġġetti li jistgħu jagħtuha l-okkażjoni jew jinċitawha sabiex twettaq reati ġodda jew sabiex tissodisfa l-obbligi ta' manteniment tagħha.

[…]"

22 L-Artikolu 56d tas-StGB jipprovdi:

"1. Meta jkun xieraq, sabiex ma tkunx tista' twettaq reati, il-qorti għandha tqiegħed lill-persuna kkundannata taħt il-kontroll u l-gwida ta' uffiċjal tal-probation għat-tul tal-perijodu kollu tal-probation jew għal parti minnu.

2. Bħala regola ġenerali, il-qorti tagħti l-istruzzjoni prevista fil-paragrafu 1 meta hija tissospendi l-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà ta' iktar minn disa' xhur u meta l-persuna kkundannata ma tkunx għadha laħqet l-età ta' sebgħa u għoxrin sena.

3. L-uffiċjal tal-probation għandu jissorvelja u jassisti lill-persuna kkundannata. B'konsultazzjoni mal-qorti, huwa għandu jissorvelja l-osservanza tal-kundizzjonijiet u l-istruzzjonijiet kif ukoll l-offerti u l-wegħdiet u għandu jirrapporta dwar l-istil tal-ħajja tal-persuna kkundannata f'intervalli li l-qorti tistabbilixxi. L-uffiċjal tal-probation għandu javża lill-qorti bil-ksur flagranti jew persistenti tal-kundizzjonijiet, l-istruzzjonijiet, l-offerti jew il-wegħdiet.

[…]"

23 Taħt it-titolu "Revoka tas-sospensjoni", l-Artikolu 56f tas-StGB jipprevedi:

"1. Il-qorti għandha tirrevoka s-sospensjoni jekk il-persuna kkundannata twettaq reat matul il-perijodu ta' probation u turi b'hekk li l-istennija prevista mas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena ma ntlaħqitx, tikser b'mod flagranti jew persistenti istruzzjonijiet jew tevita b'mod persistenti l-kontroll u l-gwida tal-uffiċjal tal-probation, b'mod li toħloq biża' ta' reċidiva, jew tikser b'mod flagranti jew persistenti kundizzjonijiet. […]

2. Il-qorti, madankollu, ma għandhiex tirrevoka s-sospensjoni jekk ikun suffiċjenti li timponi kundizzjonijiet jew istruzzjonijiet addizzjonali, inkluż it-tqegħid tal-persuna kkundannata taħt il-kontroll ta' uffiċjal tal-probation, jew li testendi l-perijodu ta' probation jew tal-kontroll. Fit-tieni każ, il-perijodu ta' probation ma jistax jiġi estiż b'iktar min-nofs il-perijodu ta' probation impost inizjalment.

[…]".

24 Skont l-Artikolu 57 tas-StGB, intitolat "Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kumplament tat-tul tal-piena li ċċaħħad il-libertà limitata *ratione temporis*":

"1. Meta żewġ terzi tal-piena imposta tkun ġiet skontata b'minimu ta' xahrejn, il-qorti għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kumplament tat-tul ta' piena li ċċaħħad il-libertà bi probation meta tqis li l-interessi tas-sigurtà pubblika jistgħu jiġġustifikaw dan u l-persuna kkundannata tagħti l-kunsens tagħha. Il-qorti tiddeċiedi b'mod partikolari billi tikkunsidra l-personalità tal-persuna kkundannata, l-imġiba anteċedenti tagħha, iċ-ċirkustanzi madwar l-att li hija wettqet, l-importanza tal-proprjetà protetta legalment li tkun mhedda f'każ ta' reċidiva, l-imġiba tal-persuna kkundannata matul l-eżekuzzjoni tal-piena, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħha u l-effetti li għandhom ikunu mistennija fuqha minn sospensjoni.

2. Malli nofs it-tul ta' piena li ċċaħħad il-libertà limitata *ratione temporis* ikun ġie skontat, b'minimu madankollu ta' sitt xhur, il-qorti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kumplament bi probation meta l-persuna kkundannata tiskonta għall-ewwel darba piena li ċċaħħad il-libertà u din ma tkunx taqbeż sentejn jew l-evalwazzjoni ġenerali tal-att imwettaq, tal-personalità tal-persuna kkundannata u l-evoluzzjoni tagħha waqt l-eżekuzzjoni tal-piena turi l-eżistenza ta' ċirkustanzi partikolari u l-kundizzjonijiet l-oħra tal-paragrafu 1 ikunu ssodisfatti.

3. L-Artikoli 56a sa 56e għandhom japplikaw *mutatis mutandis*; anki jekk dan jitnaqqas iktar tard, il-perijodu ta' probation ma jistax ikun inqas mill-kumplament tal-piena. Meta l-persuna kkundannata tkun skontat mill-inqas sena mill-piena tagħha qabel is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kumplament tal-piena bi probation, il-qorti tqegħidha bħala prinċipju taħt il-kontroll u l-gwida ta' uffiċjal tal-probation għat-tul kollu tal-perijodu ta' probation jew għal parti minnu.

4. Sa fejn piena li ċċaħħad il-libertà hija skontata b'imputazzjoni, din hija meqjusa skontata fis-sens tal-paragrafi 1 sa 3.

5. L-Artikoli 56f u 56g japplikaw *mutatis mutandis*. Il-qorti għandha tirrevoka wkoll is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena meta, fl-intervall bejn il-kundanna u d-deċiżjoni tas-sospensjoni, il-persuna kkundannata tkun wettqet reat li l-qorti, għal raġunijiet materjali, ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni fil-mument li hija tat id-deċiżjoni fuq is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u dan ir-reat kien iwassal għar-rifjut tas-sospensjoni kieku ħaditu inkunsiderazzjoni; hija kklassifikata bħala kundanna s-sentenza li fiha l-konstatazzjonijiet ta' fatt fil-mertu setgħu jiġu eżaminati għall-aħħar darba.

6. Il-qorti tista' tastjeni milli tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kumplament tat-tul ta' piena li ċċaħħad il-libertà limitata *ratione temporis* bi probation meta l-persuna kkundannata tagħti indikazzjonijiet insuffiċjenti jew foloz dwar il-post fejn ikunu jinsabu oġġetti kkonfiskati bħala prodotti tar-reat.

[…]"

25 Taħt it-titolu "Stabbiliment mill-ġdid fl-istat preċedenti meta d-dritt għal smigħ ma ngħatax", l-Artikolu 33a tal-iStrafprozeßordnung (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, iktar 'il quddiem is-"StPO") jipprevedi:

"Meta l-qorti tkun iddeċidiet kontra d-dritt ta' parti li tinstema', b'mod li dan kellu effett fuq id-deċiżjoni, u l-ordni ma jkunx suġġett għal appell jew xi rimedju legali ieħor, hija għandha tistabbilixxi mill-ġdid *ex officio* jew fuq talba l-proċedura b'ordni fl-istat li hija kienet fih qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni sa fejn il-parti tkun għadha ppreġudikata. L-Artikolu 47 għandu japplika *mutatis mutandis*."

26 L-Artikolu 35 tas-StPO, intitolat "Komunikazzjoni", għandu l-kontenut li ġej:

"1. Id-deċiżjonijiet mogħtija fil-preżenza tal-persuna kkonċernata huma kkomunikati lilha fl-għoti tagħhom. Fuq talba tagħha, hija għandha tingħata kopja.

2. Id-deċiżjonijiet l-oħra huma kkomunikati permezz tan-notifika. Jekk il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ma tagħtix bidu għad-dekorrenza ta' terminu, sempliċi komunikazzjoni mingħajr forma partikolari tkun suffiċjenti.

3. Il-persuna li ma għandhiex il-libertà tista' titlob li jinqralha d-dokument innotifikat."

27 Taħt it-titolu "Proċedura ta' notifika", l-Artikolu 37 tas-StPO jipprovdi:

"1. Il-proċeduri b'notifika huma rregolati *mutatis mutandis* mir-regoli tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

2. Meta n-notifika intiża għal parti ssir lil diversi persuni awtorizzati sabiex jirċevuha, it-terminu jiġi kkalkolat mill-aħħar notifika li tkun saret.

[…]"

28 Skont l-Artikolu 40 tas-StPO, intitolat "Notifika pubblika":

"1. In-notifika pubblika hija permessa meta notifika lil imputat li għalih ċitazzjoni sabiex jidher għas-seduta prinċipali tkun għadha ma ġietx innotifikata ma tkunx tista' ssir fil-Ġermanja fil-forom preskritti u l-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw in-notifiki barra l-pajjiż tkun tidher li hija irrealizzabbli jew iddestinata li tfalli. In-notifika hija meqjusa bħala kompluta wara ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni tal-avviż.

2. Jekk iċ-ċitazzjoni sabiex jidher għas-seduta prinċipali tkun diġà ġiet innotifikata lill-imputat, in-notifika pubblika hija awtorizzata fir-rigward tiegħu meta ma jkunx possibbli li ssir notifika fil-Ġermanja fil-forom preskritti.

3. In-notifika pubblika hija awtorizzata fil-proċedura tal-appell imressaq mill-imputat sa fejn ma jkunx possibbli li ssir notifika f'indirizz li fih l-aħħar notifika tkun saret jew li l-imputat iddikjara fl-aħħar lok."

29 Konformement mal-Artikolu 311 tas-StPO, intitolat "Appell immedjat":

"1. L-appell immedjat huwa rregolat bir-regoli speċifiċi li ġejjin.

2. L-appell għandu jitressaq fi żmien ġimgħa; it-terminu jibda jiddekorri mal-komunikazzjoni (Artikolu 35) tad-deċiżjoni.

3. Il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex timmodifika d-deċiżjoni tagħha fuq appell. Hija madankollu għandha tilqa' l-appell meta tkun użat għad-detriment tar-rikorrent fatti jew riżultati ta' provi li dwarhom dan ikun għadu ma nstemax u d-dikjarazzjonijiet sussegwenti tar-rikorrent iwassluha sabiex tqis li l-appell ikun fondat."

30 Taħt it-titolu "Deċiżjoni sussegwenti fuq is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena bi probation jew fuq l-ammonizzjoni", l-Artikolu 453 tas-StPO jipprovdi:

"1. Id-deċiżjonijiet sussegwenti relatati mas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena bi probation jew mal-ammonizzjoni (Artikoli 56a sa 56g, 58, 59a, 59b tas-StGB) jingħataw mill-qorti mingħajr seduta għat-trattazzjoni permezz ta' digriet. L-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-imputat għandhom jinstemgħu. L-Artikolu 246a(2) u r-raba' sentenza tal-Artikolu 454(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Meta l-qorti jkollha tiddeċiedi fuq ir-revoka ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena minħabba ksur tal-kundizzjonijiet jew tal-istruzzjonijiet, hija għandha tagħti lill-persuna kkundannata l-okkażjoni li tinstema' oralment. Meta jkun inħatar uffiċjal tal-probation, il-qorti tinformah jekk hija tipprevedix li tiddeċiedi dwar ir-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena jew il-maħfra tal-piena; il-qorti tinformah dwar dak li hija tkun taf minn proċeduri kriminali oħra, fejn xieraq, fl-ambitu tal-għan tal-kontroll tal-probation.

2. Id-deċiżjonijiet previsti fil-paragrafu 1 huma suġġetti għal appell. Dan jista' jkun ibbażat biss fuq l-illegalità ta' ordni jew tal-estensjoni sussegwenti tal-perijodu ta' probation. Ir-revoka tas-sospensjoni, il-maħfra tal-piena, ir-revoka tal-maħfra, il-kundanna għal-piena rriżervata u d-dikjarazzjoni ta' aderazzjoni mat-twissija (Artikoli 56f, 56g, 59b tas-StGB) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell immedjat."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

31 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-13 ta' Ġunju 2017, il-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), ġiet adita mill-officier van justitie bij de Rechtbank (l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti, il-Pajjiżi l-Baxxi) b'talba intiża għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fid-9 ta' Mejju 2017 mill-iStaatsanwaltschaft Stuttgart (il-Prosekutur ta' Stuttgart).

32 Dan il-mandat ta' arrest Ewropew jitlob l-arrest u l-konsenja ta' S. Ardic, ċittadin Ġermaniż residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fil-Ġermanja ta' żewġ pieni li jċaħħdu l-libertà b'tul kull waħda ta' sena u tmien xhur, ippronunzjati b'sentenzi tal-4 ta' Marzu 2009 u tal-10 ta' Novembru 2010, li saru definittivi, mogħtija rispettivament mill-Amtsgericht Böblingen (il-Qorti tad-Distrett ta' Böblingen, il-Ġermanja) u l-Amtsgericht Stuttgart-Bad Cannstatt (il-Qorti tad-Distrett ta' Stuttgart-Bad Cannstatt, il-Ġermanja), wara proċess li fih il-parti kkonċernata dehret personalment.

33 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, wara li S. Ardic skonta parti minn dawn iż-żewġ pieni, il-qrati kompetenti Ġermaniżi ordnaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kumplament tagħhom. Madankollu, b'deċiżjonijiet tal-4 ta' April u tat-18 ta' April 2013, l-Amtsgericht Stuttgart-Bad Cannstatt (il-Qorti

tad-Distrett ta' Stuttgart-Bad Cannstatt) irrevokaw dawn is-sospensjonijiet u ordna l-eżekuzzjoni tal-kumplament tal-pieni, jiġifieri 338 u 340 jum, għar-raġuni li l-parti kkonċernata kienet kompliet ma tosservax il-kundizzjonijiet preskritti u tevadi l-kontroll u l-gwida tal-uffiċjal tal-probation tagħha u l-kontroll tal-qrati.

34 Il-qorti tar-rinviju tiddeduċi mill-informazzjoni pprovduta fil-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali li S. Ardic ma deherx għall-proċeduri li wasslu għall-imsemmija deċiżjonijiet ta' revoka.

35 L-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew isemmi wkoll li d-deċiżjonijiet ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu suġġetti biss għal notifika pubblika fis-sens tal-Artikolu 40 tas-StPO, b'mod li S. Ardic ikollu jingħata d-dritt li jinstema' *a posteriori* fir-rigward ta' dawn id-deċiżjonijiet, mingħajr ma dan jaffettwa, madankollu, in-natura eżekuttiva tagħhom.

36 S. Ardic ikkonferma li huwa ma kienx deher fil-proċeduri li wasslu għad-deċiżjonijiet ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali u ddikjara li, kieku kien jaf bid-data u l-post ta' dawn il-proċeduri, huwa kien jidher biex jipprova jikkonvinċi lill-qrati Ġermaniżi sabiex ma jipproċedux b'dawn ir-revoki.

37 Skont il-qorti tar-rinviju, il-qrati Ġermaniżi għandhom jirrevokaw is-sospensjoni b'mod partikolari jekk il-persuna kkundannata tippersisti bl-evażjoni tal-kontroll u l-gwida tal-uffiċjal tal-probation jew bin-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti. Min-naħa l-oħra, dawn il-qrati għandhom jastjenu milli jirrevokaw is-sospensjoni jekk, essenzjalment, ikun suffiċjenti li jiġu imposti kundizzjonijiet addizzjonali jew jiġi estiż il-perijodu ta' probation.

38 Mid-deċiżjonijiet ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta li l-Amtsgericht Stuttgart-Bad Cannstatt (il-Qorti tad-Distrett ta' Stuttgart-Bad Cannstatt) ikkonstatat li l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali jew l-estensjoni tal-perijodu ta' probation ma kinux suffiċjenti u r-revoka tas-sospensjonijiet kienet konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

39 Il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li, meta tiddeċiedi fuq ir-revoka, il-qorti Ġermaniża għandha marġni ta' diskrezzjoni li jippermettilha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni jew il-personalità tal-persuna kkonċernata.

40 F'dan il-kuntest, dik il-qorti tirrileva li, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629), il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn il-miżuri li jimmodifikaw l-ammont ta' piena li ċċaħħad il-libertà imposta u dawk relatati mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' tali piena. Fil-punt 85 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament indikat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 6(1) tal-KEDB ma huwiex applikabbli għal miżuri relatati mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà, "b'mod partikolari, dawk li jirrigwardaw it-tqegħid fil-libertà provviżorja".

41 Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjonijiet ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma bidlux il-*quantum* tal-pieni li jċaħħdu l-libertà imposti fuq S. Ardic, billi dan tal-aħħar kellu fil-fatt jiskonta t-tul totali ta' dawn il-pieni, u t-tnaqqis sar fuq iż-żmien li diġà għadda.

42 Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta fil-fatt li l-kwistjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-pieni ma jikkonċernawx il-mertu ta' akkuża kriminali fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB (Qorti EDB, 17 ta' Settembru 2009, Enea vs L-Italja KE:ECHR:2009:0917JUD007491201, punt 97, u 23 ta' Ottubru 2012, Ciok vs Il-Polonja, CE:ECHR:2012:1023DEC000049810, punt 38).

43 Dan l-approċċ jaqbel mal-ġurisprudenza tal-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar it-terminu "ħati" fis-sens tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB, ġurisprudenza li tipprovdi li dan it-terminu huwa marbut mill-qrib mal-kunċett ta' "[deċiżjoni fil-]mertu [ta'] akkuża kriminali" fis-sens tal-Artikolu 6(1)

tal-KEDB. Fil-fatt, dik il-qorti ġġudikat li l-kawżi li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tal-pieni lanqas ma jaqgħu taħt tali kundanna (Qorti EDB, 10 ta' Lulju 2003, Grava vs L-Italja, CE:ECHR:2003:0710JUD004352298, punt 51, u 23 ta' Ottubru 2012, Giza vs Il-Polonja, CE:ECHR:2012:1023DEC000199711, punt 36).

44 Il-qorti tar-rinviju tkompli billi tosserva li s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-3 ta' April 2012, Boulois vs Il-Lussemburgu (CE:ECHR:2012:0403JUD003757504), li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet fil-punt 85 tas-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629), u s-sentenzi l-oħra tal-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għalihom din tal-aħħar irreferiet fil-punt 87 tal-ewwel sentenza, kienu jikkonċernaw detenuti li kienu bdew proċeduri dwar rispettivament l-għoti ta' leave għal ħelsien temporanju mill-ħabs, ir-rilaxx mid-detenzjoni provviżorja, it-tqegħid fi stabbiliment ta' sigurtà għolja u l-benefiċċju ta' amnestija.

45 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika wkoll li l-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li proċedura relatata mar-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà jew ir-revoka tal-għoti ta' libertà suġġetta għal kundizzjonijiet ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Fil-fatt, dawn il-proċeduri ma kinux jinvolvu deċiżjoni ta' kontestazzjonijiet dwar id-drittijiet u obbligi ta' natura ċivili jew li jirrigwardaw il-mertu ta' akkuża kriminali (Kummissjoni EDB, 5 ta' Ottubru 1967, X. vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, 2428/65, CE:ECHR:1967:1005DEC000242865; 6 ta' Diċembru 1977, X. vs L-Isvizzera, 7648/76, CE:ECHR:1977:1206DEC000764876, u 9 ta' Mejju 1994, Sampson vs Ċipru, 19774/92, CE:ECHR:1994:0509DEC001977492).

46 Minn dan il-qorti tar-rinviju tiddeduċi li l-Artikolu 6(1) tal-KEDB ma japplikax għad-deċiżjonijiet ta' revoka bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

47 Madankollu, ma jirriżultax neċessarjament li dawn id-deċiżjonijiet lanqas ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-2002/584.

48 Fil-fatt, minn naħa, tali deċiżjonijiet ma humiex tal-istess natura bħal dawk inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629).

49 Min-naħa l-oħra, jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta fil-fatt jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB, b'mod li s-sens u l-portata tad-drittijiet iggarantiti mill-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk li tagħtihom il-KEDB, id-dritt tal-Unjoni jista' madankollu, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, jagħti protezzjoni iktar estiża minn dik li tirriżulta mill-Artikolu 6(1).

50 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huwa intiż sabiex jiggarantixxi livell ta' protezzjoni għoli (sentenzi tal-24 ta' Mejju 2016, Dworzecki, C-108/16 PPU, EU:C:2016:346, punt 37, u tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 58).

51 Barra minn hekk, jista' jiġi sostnut li deċiżjoni ta' revoka ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà hija, minħabba l-konsegwenzi tagħha fuq il-libertà individwali, daqstant importanti għall-persuna kkundannata bħal "sentenza li timponi piena globali" li twassal għal determinazzjoni ġdida tal-livell tal-pieni li jċaħħdu l-libertà mogħtija, b'mod li din il-persuna għandha, għal din ir-raġuni, tkun tista' teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha fi proċedura li tista' twassal għal revoka tas-sospensjoni u li fil-kuntest tagħha l-qorti għandha marġni ta' diskrezzjoni sabiex tadotta din id-deċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek, C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 88).

52 Finalment, minkejja li l-punt 85 tas-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629), huwa intiż sabiex jindika li d-deċiżjonijiet ta' revoka ta' sospensjoni ma jaqgħux taħt l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-qorti tar-rinviju tosserva li tali ċirkustanza ma tistax tikkostitwixxi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, raġuni suffiċjenti sabiex tqis b'mod awtonomu li din id-dispożizzjoni ma hijiex fil-fatt applikabbli fil-każ ineżami.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti ta' Amsterdam) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Fil-każ li l-persuna rikjesta tkun definittivament instabet ħatja fi proċeduri li żvolġew fil-preżenza tagħha u tkun ġiet ikkundannata għal piena li ċċaħħad il-libertà, li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sospiża taħt ċerti kundizzjonijiet: il-proċedura sussegwenti, li fil-kuntest tagħha l-qorti, fl-assenza tal-persuna rikjesta, tordna r-revoka ta' din is-sospensjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet u minħabba evażjoni mill-kontroll u mill-gwida ta' uffiċjal superviżorju tikkostitwixxi "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni [Qafas 2002/584]?"

Fuq il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

54 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

55 Insostenn tat-talba tagħha, din il-qorti tinvoka l-fatt li S. Ardic huwa attwalment detenut fil-Pajjiżi l-Baxxi, jistenna sabiex jara x'ser jiġri bl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali, maħruġ kontra tiegħu mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

56 Il-qorti tar-rinviju tesponi barra dan li hija ma tistax tieħu deċiżjoni f'dan ir-rigward qabel ma l-Qorti tal-Ġustizzja tkun iddeċidiet fuq din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula għandha għalhekk impatt dirett u determinanti fuq it-tul tad-detenzjoni ta' S. Ardic fil-Pajjiżi l-Baxxi bil-għan tal-konsenja eventwali tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li taqa' fl-oqsma li jinsabu fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Konsegwentement, dan ir-rinviju jista' jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

58 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterju relatat mal-urġenza, għandu, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali tinsab fil-preżent imċaħħda mil-libertà u li ż-żamma tagħha f'detenzjoni tiddependi mis-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża pinċipali. Barra min hekk, is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata għandha tiġi evalwata skont kif tkun tinsab fid-data tal-eżami tat-talba intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (sentenzi tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek, C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Madankollu, f'dan il-każ, minn naħa, huwa stabbilit li, f'din id-data, S. Ardic kien imċaħħad mil-libertà. Min-naħa l-oħra, iż-żamma f'detenzjoni ta' dan tal-aħħar tiddependi mill-eżitu tal-kawża prinċipali, peress li l-miżura ta' detenzjoni li hija s-suġġett tagħha kienet ġiet ordnata, skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Ħames Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fit-12 ta' Ottubru 2017, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinstema' bil-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Fuq id-domanda preliminari

61 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, minkejja li S. Ardic deher personalment għall-proċessi li wasslu għas-sentenzi li kkundannawh għal pieni li jċaħħduh mil-libertà, huwa stabbilit li d-deċiżjonijiet ta' revoka tas-sospensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ngħataw wara, ġew adottati fil-kontumaċja tiegħu.

62 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tinftiehem bħala li hija intiża, essenzjalment, sabiex tiddetermina jekk, fil-każ fejn, bħal fil-kawża prinċipali, il-persuna kkonċernata dehret personalment fil-proċess kriminali li rriżulta fid-deċiżjoni ġudizzjarja li ddikjaratha b'mod definittiv ħatja ta' reat u li, minħabba f'hekk, imponiet fuqha piena li ċċaħħad il-libertà li fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħha kien hemm sussegwentement sospensjoni parzjali fl-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll proċedura sussegwenti għar-revoka ta' din is-sospensjoni bbażata fuq il-ksur tal-imsemmija kundizzjonijiet matul il-perijodu ta' probation.

63 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li l-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni awtonoma u uniformi fi ħdan l-Unjoni, indipendentement mill-klassifikazzjonijiet u mir-regoli fil-mertu u proċedurali, fin-natura tagħhom diverġenti, fil-qasam kriminali, fid-diversi Stati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 65, 67 u 76).

64 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiġġudika li dan il-kunċett għandu jinftiehem bħala li jirreferi għall-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni ġudizzjarja li b'mod definittiv ikkundannat lill-persuna li l-konsenja tagħha qiegħda tintalab fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew (sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 74).

65 Fil-każ fejn il-proċess kriminali involva diversi każijiet li wasslu għal deċiżjonijiet suċċessivi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmi kunċett jirreferi għall-aħħar istanza ta' dan il-proċess li fih qorti, wara li eżaminat il-każ fil-fatt u fid-dritt, iddeċidiet b'mod definittiv dwar il-ħtija tal-parti kkonċernata u kkundannatha għal piena li ċċaħħad il-libertà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 81, 83, 89, 90 u 98).

66 Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll, f'dan il-kuntest, li l-imsemmi kunċett ikopri wkoll proċedura sussegwenti li fi tmiemha tingħata deċiżjoni ġudizzjarja li temenda b'mod definittiv il-livell ta' piena jew ta' diversi pieni ppronunzjati preċedentement, sa fejn l-awtorità li adottat din id-deċiżjoni tal-aħħar kellha f'dan ir-rigward marġni ta' diskrezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek, C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punti 83, 90 u 96).

67 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "deċiżjoni" previst fih jirreferi għad-deċiżjoni jew għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji relatati mal-kundanna kriminali tal-parti kkonċernata, jiġifieri dik jew dawk li permezz tagħhom ittieħdet deċiżjoni definittiva, wara eżami fil-fatt u fid-dritt tal-kawża, dwar il-ħtija ta' din tal-aħħar u, fejn applikabbli, il-piena li ċċaħħad il-libertà li ġiet imposta fuqha.

68 F'dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk deċiżjoni ta' revoka ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà imposta preċedentement hijiex ta' natura li tista' tiġi mxebbha, għall-ħtiġijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, ma' deċiżjoni bħal dik ċirkoskritta fil-punt preċedenti.

69 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha l-għan, bl-istabbiliment ta' sistema ssemplifikata u effiċjenti għall-konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, li tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan assenjat lill-Unjoni sabiex issir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ibbażata fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punti 36 u 37, u tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punti 75 u 76).

70 Għal dan l-għan, l-imsemmija deċiżjoni qafas tistabbilixxi, fl-Artikolu 1(2) tagħha, ir-regola li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din l-istess deċiżjoni qafas. Ħlief għal ċirkustanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ma jistgħux għaldaqstant jirrifjutaw li jeżegwixxu tali mandat għajr fil-każijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest tista' tiġi suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet li huma limitatament elenkati fiha. Konsegwentement, billi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa mifhum bħala eċċezzjoni li għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta (sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU EU:C:2017:628, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, introdott bl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, dan għandu l-iskop li jillimita l-possibbiltà li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew billi jelenka, b'mod speċifiku u uniformi, il-kundizzjonijiet li fihom ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi tmiem proċess li fih il-persuna kkonċernata ma tkunx dehret personalment ma jistgħux jiġu rrifjutati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Skont din id-dispożizzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija marbuta tipproċedi bl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, minkejja l-assenza tal-parti kkonċernata fil-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, ladarba l-eżistenza ta' waħda miċ-ċirkustanzi previsti fil-paragrafu 1(a), (b), (ċ) jew (d) tagħha tkun ivverifikata (sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 55).

73 B'hekk, l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li ttejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, billi tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija fil-kontumaċja, u dan huwa ta' natura li jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri. Fl-istess ħin, din id-dispożizzjoni ssaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni suġġetti għal proċedura kriminali, billi tiggarantixxi lil dawn il-persuni livell għoli ta' protezzjoni permezz tar-rispett sħiħ tad-drittijiet tad-difiża tagħhom li jirriżultaw mid-dritt għal proċess imparzjali, kif speċifikament stipulat fl-Artikolu 6 tal-KEDB (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 51, u tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 58 sa 60).

74 Għal dan l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li dan l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ikun interpretat u applikat b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-KEDB u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem marbuta miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 78 sa 80, u tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek, C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punti 87 sa 89).

75 Issa, minkejja li d-deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li tikkundanna lill-persuna kkonċernata, inkluża dik li tistabbilixxi l-piena li ċċaħħad il-libertà li għandha tiġi skontata, taqa' kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-KEDB, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li din id-dispożizzjoni ma tapplikax madankollu għal kwistjonijiet relatati mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni jew ta' applikazzjoni ta' tali piena li ċċaħħad il-libertà (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 3 ta' April 2012, Boulois vs Il-Lussemburgu, CE:ECHR:2012:0403JUD003757504, punt 87; 25 ta' Novembru 2014, Vasilescu vs Il-Belġju, CE:ECHR:2014:1125JUD006468212, punt 121, u 2 ta' Ġunju 2015, Pacula vs Il-Belġju CE:ECHR:2015:0602DEC006849512, punt 47).

76 Il-pożizzjoni tkun differenti biss fil-każ meta, wara deċiżjoni li tkun sabet lill-persuna kkonċernata ħatja u li tkun ikkundannatha għal piena li ċċaħħad il-libertà, deċiżjoni ġdida tibdel in-natura jew il-*quantum* tal-piena ppronunzjata preċedentement, bħall-każ meta piena ta' priġunerija tiġi ssostitwita b'miżura ta' tkeċċija (Qorti EDB, 15 ta' Diċembru 2009, Gurguchiani vs Spanja, CE:ECHR:2009:1215JUD001601206, punti 40, 47 u 48) jew meta l-perijodu tad-detenzjoni impost preċedentement jiġi mtawwal (Qorti EDB, 9 ta' Ottubru 2003, Ezeh u Connors vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2003:1009JUD003966598).

77 Fid-dawl tal-premess, għandu jiġi kkunsidrat li, għall-ħtiġijiet tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-kunċett ta' "deċiżjoni" li jinsab fih ma jkoprix deċiżjoni relatata mal-eżekuzzjoni jew mal-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà ppronunzjata qabel, ħlief meta din id-deċiżjoni jkollha l-għan jew l-effett li timmodifika n-natura jew il-*quantum* tal-imsemmija piena u l-awtorità li ppronunzjatha kellha, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Awwissu 2017, Tupikas, C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punti 78 sa 80, u tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek, C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punti 85, 90 u 96).

78 Fir-rigward b'mod partikolari tad-deċiżjonijiet ta' revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' pieni li jċaħħdu l-libertà ppronunzjati preċedentement, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'dan il-każ, dawn id-deċiżjonijiet tal-aħħar la affettwaw in-natura u lanqas il-*quantum* tal-pieni li jċaħħdu l-libertà imposti mis-sentenzi preċedenti ta' kundanna definittiva tal-parti kkonċernata li jikkostitwixxu l-bażi tal-mandat ta' arrest Ewropew li tiegħu l-awtoritajiet Ġermaniżi qegħdin jitolbu l-eżekuzzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi.

79 Fil-fatt, il-proċeduri li wasslu għal dawn id-deċiżjonijiet ta' revoka ma kellhomx l-għan li jeżaminaw mill-ġdid il-mertu tal-kawżi iżda kienu jikkonċernaw biss il-konsegwenzi li, mill-perspettiva tal-applikazzjoni tal-pieni inizjalment imposti u li l-eżekuzzjoni tagħhom ġiet, sussegwentement, parzjalment sospiża bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet, kien hemm lok li jintrabtu maċ-ċirkustanza li l-persuna kkundannata ma kkonformatx ruħha mal-imsemmija kundizzjonijiet matul il-perijodu ta' probation.

80 F'dan il-kuntest, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-qorti kompetenti kellha tiddetermina biss jekk ċirkustanza bħal din kinitx tiġġustifika li l-persuna kkundannata tkun fil-fatt meħtieġa li tiskonta, parzjalment jew fl-intier tagħhom, il-pieni li jċaħħdu l-libertà li ġew inizjalment stabbiliti u li l-eżekuzzjoni tagħhom ġiet, sussegwentement, parzjalment sospiża. Kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk dik il-qorti kellha, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, dan il-marġni ma kkonċernax il-livell jew in-natura tal-pieni imposti fuq il-parti kkonċernata, iżda biss il-kwistjoni dwar jekk is-sospensjonijiet kellhomx jiġi rrevokati jew setgħux jinżammu, b'żieda, jekk ikun il-każ, ta' kundizzjonijiet addizzjonali.

81 B'hekk, id-deċiżjonijiet ta' revoka tas-sospensjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom biss l-effett li l-persuna kkonċernata jkollha, bħala massimu, tiskonta l-kumplament tat-tul tal-piena kif inizjalment ġiet imposta fuqha. Peress li, bħal fil-kawża prinċipali, is-sospensjoni hija rrevokata fl-intier tagħha, il-kundanna terġa' tipproduċi l-effetti kollha tagħha u d-determinazzjoni tal-*quantum* tal-piena li għad irid jiġi eżegwit titwettaq b'operat purament aritmetiku, billi n-numru ta' jiem ta' priġunerija diġà skontati jiġu sempliċement imnaqqsa mill-piena totali kif ippronunzjata fis-sentenza definittiva tal-kundanna.

82 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl ta' dak li ntqal fil-punt 77 ta' din is-sentenza, id-deċiżjonijiet ta' revoka tas-sospensjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma humiex koperti mill-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, peress li dawn id-deċiżjonijiet ma jibdlux il-pieni ppronunzjati b'deċiżjonijiet ta' kundanna li saru definittivi f'dak li jirrigwarda n-natura jew il-livell tagħhom.

83 Għalkemm ma jistax jiġi nnegat li miżura ta' revoka ta' sospensjoni hija ta' natura li taffettwa s-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, xorta waħda jibqa' l-fatt li din tal-aħħar ma tistax tinjora l-konsegwenzi li ksur tal-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett il-benefiċċju ta' tali sospensjoni jista' jkollu.

84 Barra minn hekk, f'dan il-każ, huwa preċiżament il-fatt li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju Ġermaniż, bi ksur ta' kundizzjoni li għaliha l-għotja tas-sospensjoni ġiet espressament suġġetta, li wassal għall-impossibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi jinnotifikawh personalment bl-informazzjoni relatata mal-introduzzjoni ta' proċeduri li jipprevdu l-possibbiltà ta' revoka tas-sospensjonijiet mogħtija qabel u, għaldaqstant, mal-adozzjoni fl-assenza tiegħu tad-deċiżjonijiet ta' revoka inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

85 Madankollu, anki fil-każ fejn, bħal fil-kawża prinċipali, persuna kkundannata kienet suġġetta għal deċiżjoni ta' revoka ta' sospensjoni adottata fit-tmiem ta' proċedura li għaliha hija ma dehritx, din il-persuna ma tkun imċaħħda minn ebda dritt, sa fejn, kif jirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, hija tista' b'mod partikolari tinstema' *a posteriori* mill-qorti u din tal-aħħar hija marbuta li tiddetermina jekk, fid-dawl ta' dan is-smigħ, id-deċiżjoni ta' revoka tas-sospensjoni għandhiex tiġi mmodifikata.

86 Fi kwalunkwe każ, fil-kuntest tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-kriterju rilevanti li jista' jiġi applikat b'mod uniformi huwa dak ibbażat fuq in-natura tad-"deċiżjoni" prevista fih, kif jirriżulta mill-75 sa 77 ta' din is-sentenza.

87 Barra minn hekk, u kif diġà ġie indikat fil-punt 70 ta' din is-sentenza, interpretazzjoni iktar wiesgħa tal-kunċett ta' "deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, minn dik ipprovduta fil-punt 77 ta' din l-istess sentenza tista' tikkompromett l-effettività tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew.

88 Għandu jingħad ukoll li l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet fil-punt 77 timplika biss li deċiżjoni, li ma tirrigwardax l-eżekuzzjoni jew l-applikazzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà stabbilita b'mod definittiv fit-tmiem tal-proċess kriminali u li ma taffettwax id-dikjarazzjoni ta' ħtija u lanqas in-natura jew il-livell ta' din il-piena, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod li l-assenza tal-parti kkonċernata matul il-proċedura li wasslet għal din id-deċiżjoni ma tistax tikkostitwixxi raġuni valida għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

89 Mill-banda l-oħra, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 76 u 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, u kif jirriżulta wkoll espliċitament mill-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299, din l-interpretazzjoni ma tfissirx li l-Istati Membri huma meħlusa mill-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 TUE, inkluż id-dritt tad-difiża tal-persuni suġġetti għal proċedura kriminali, jew dak li jiżguraw li l-imsemmija drittijiet u prinċipji jiġu osservati mill-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom.

90 Dan l-obbligu jsaħħaħ, preċiżament, il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jeżisti bejn l-Istati Membri u, konsegwentement, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li fuqu huwa bbażat il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew. Fil-fatt, l-imsemmi prinċipju huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri sa fejn l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom huma f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni ekwivalenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti fil-livell

tal-Unjoni. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, F., C-168/13 PPU, EU:C:2013:358, punti 49 u 50, u tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punti 77 u 78).

91 F'dan il-kuntest u mill-perspettiva ta' kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva fil-qasam kriminali, l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u ta' eżekuzzjoni għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti previsti b'mod partikolari fl-Artikoli 8(1) u 15 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod li jiffavorixxu l-fiduċja reċiproka fuq il-bażi ta' din il-kooperazzjoni.

92 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għad-domanda li saret għandha tingħata r-risposta li, fil-każ fejn il-parti kkonċernata dehret personalment fil-proċess kriminali li rriżulta fid-deċiżjoni ġudizzjarja li ddikjaratha b'mod definittiv ħatja ta' reat u, minħabba f'hekk, imponiet fuqha piena li ċċaħħad il-libertà li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sussegwentement sospiża parzjalment bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet, il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprevedix proċedura sussegwenti ta' revoka ta' din is-sospensjoni bbażata fuq il-ksur tal-imsemmija kundizzjonijiet matul il-perijodu ta' probation, sa fejn id-deċiżjoni ta' revoka adottata fi tmiem din il-proċedura la temenda n-natura u lanqas il-piena inizjalment ippronunzjati.

Fuq l-ispejjeż

93 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Fil-każ fejn il-parti kkonċernata dehret personalment fil-proċess kriminali li rriżulta fid-deċiżjoni ġudizzjarja li ddikjaratha b'mod definittiv ħatja ta' reat u, minħabba f'hekk, imponiet fuqha piena li ċċaħħad il-libertà li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sussegwentement sospiża parzjalment bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet, il-kunċett ta' "proċess li rriżulta fid-deċiżjoni", fis-sens tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprevedix proċedura sussegwenti ta' revoka ta' din is-sospensjoni bbażata fuq il-ksur tal-imsemmija kundizzjonijiet matul il-perijodu ta' probation, sa fejn id-deċiżjoni ta' revoka adottata fi tmiem din il-proċedura la temenda n-natura u lanqas il-piena inizjalment ippronunzjati.

Firem